# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

ĠUDIKATUR
**DR. JOSEPH GATT LL.D.**

**Udjenza ta' nhar il-Ġimgħa, 10 ta' Ġunju 2022**

**Talba Nru: 493/2018 JG**
**Numru fuq il-lista: 1**

**Angela Zammit**

**Vs**

**Glazed Lava Stone of Etna u b'digriet tat-8 ta' Marzu 2019 l-isem tas-soċjetá konvenuta ġew imħassra u sostitwiti bil-kelmiet Lava Stone of Sicily Ltd C 67061**[1]

It-Tribunal;

Ra l-Avviż tat-Talba ippreżentat fis-16 ta' Ottubru 2018, permezz ta' liema, l-attriċi talbet li dan it-Tribunal jikkundanna lis-soċjetá konvenuta tħallasha ħames t'elef Ewro (€5,000) rappreżentanti ħsara f'mobbli mixtrija mis-soċjeta' konvenuta kif deksritt fl-istess Avviż[2] ;

[1] Għalkemm il-verbal tat-8 ta' Marzu 2019 (allura ta' dan it-Tribunal kif preċedentement presedut) ma jsemmi xejn dwar jekk din h'ijiex kumpannija o meno, mir-riċerka li għamel it-Tribunal fuq is-sit tal-Malta Busniess Registry jirriżulta li din hija soċjetá konvenuta bin-numru ta' reġistrazzjoni C67061. Għalhekk ġew miżjuda "Ltd C67061" fl-okkju.
[2] A fol 1 *et seq* tal-proċess.

Ra r-risposta tas-soċjetá konvenuta tas-7 ta' Novembru 2018[3], permezz ta' liema eċċepiet li l-isem indikat fl-Avviż kien ħażin u mbgħad b'eċċezzjonijiet fil-mertu;

Ra l-eżami tal-attriċi[4], liema eżami ġie sospiż fuq ordni ta' dan it-Tribunal kif preċedentement presedut;

Ra x-xhieda tal-attriċi[5] u d-dokumenti minnha eżebiti;

Ra dak ordnat fis-seduta tat-8 ta' Marzu 2019, liema ordni hija (parzjalment għal-motiv imfisser fl-ewwel notament) riflessa fl-okkju ta' dawn il-proċeduri[6];

Ra l-affidavits ta' Ignazio Gullo u ta' Dr. Mary Grace Vella;[7]

Ra d-digriet mogħti mil-Onor. Prim Imħallef ta' nhar it-28 ta' Ottubru 2020 tramite liema din it-talba ġiet assenjata lil dan it-Tribunal kif presedut[8];

Ra l-affidavit ta' Alfonso Daniele Gullo[9];

Sema' x-xhieda ta' Dr. Mary Grace Vella in kontro-eżami[10];

Ra t-traskrizzjoni tax-xhieda ta' Daniele Gullo u ta' Ignazio Gullo magħmula wara li nħatar assistent ġudizzjarju għal dan il-għan[11];

---

[3] A fol 14 *et seq*
[4] Magħmul fis-seduta tal-25 ta' Jannar 2019.
[5] Magħmul fis-seduta tat-8 ta' Marzu 2019.
[6] Verbal relattiv jinsab a fol 26.
[7] Eżebiti (mingħajr nota) a fol 49 *et seq* tal-proċess.
[8] A fol 59.
[9] Din id-darba eżebit permezz ta' nota li tinsab a fol 62 tal-proċess.
[10] Magħmul fis-seduta tat-18 ta' Frar 2021.
[11] Rapport relattiv jibda a fol 84 tal-proċess.

Sema' x-xhieda tal-attur in eżami u kontro-eżami[12];

Ra l-ordni mogħti minn dan it-Tribunal kif presjedut tas-6 ta' Lulju 2021[13];

Ra n-nota ta' sottomissjonijiet tas-soċjetá konvenuta[14];

Ra li l-attriċi baqgħet ma ppreżentat l-ebda sottomissjonijiet;

Ra l-atti proċesswali kollha;

**Ikkunsidra;**

Illi qabel xejn jenħtieġ li jiġi senjalat li fil-bidu u sakemm dan il-proċess kien immatura sew, l-attriċi ma kinitx assistita minn avukat. Għalhekk jidħol fix-xena hawnhekk il-kunċett ta' litigazzjoni *pro se,* li huwa permess skond il-liġi li kkrea u jirregola lil dan it-Tribunal. Kien biss fi stadju avvanzat li ġie ingaġġat avukat difensur tagħha. Għalhekk ukoll dak li sejjer jintqal f'din is-sentenza irid u għandu jinqara fid-dawl ta' dan il-fatt, għaliex ukoll it-Tribunal huwa marbut jaġixxi b'mod kemxejn differenti[15] meta jkollu sitwazzjoni bħal din[16].

---

[12] A fol 95 tal-proċess.
[13] Verbal relattiv jinsab a fol 103 tal-proċess.
[14] Ippreżentata permezz ta' nota fil-15 ta' Ottubru 2021.
[15] L-Artikolu 12 tal-L.S. 380 tal-Liġijiet ta' Malta jgħid hekk: *"Il-Ġudikatur jista' jeħles lil parti li ma jkunx qiegħed jidher għaliha avukat jew prokuratur legali jew rappreżentant professjonali ieħor, mill-konsegwenzi li jista' jkun hemm fin-nuqqas ta' tħaris ta' xi waħda minn dawn ir-regoli, jekk jintwera li dan ikun sar bi żball, żvista jew kull raġuni oħra li l-Ġudikatur iqis validi. F'dawk il-każi l-Ġudikatur jista' jagħmel ordni li jqis bħala wieħed ġust".*
[16] F'dan is-sens, ikun qiegħed jonqos it-Tribunal jekk ma jagħmilx referenza ampja għas-sentenza fl-ismijiet **<u>Celine Imber vs Jasmin Voss</u>**, (Tlb Nru: 4/2013 KCX) mogħtija minn dan it-Tribunal (fi Proċeduri Ewropeja) fis-26 ta' Marzu 2018. It-Tribunal jagħmel dak hemm deċiż dwar dan l-aspett tiegħu, mingħajr ħtieġa li jżid ebda kliem ulterjuri fuq is-suġġett.

Illi spjanat dan il-punt preliminari t-Tribunal sejjer issa jirrakolji x-xhieda u provi prodotti anke għaliex, kif intwera fil-parti introduttorju, din il-kawża bdiet quddiem dan it-Tribunal presedut minn ġudikant ieħor.

Illi meta l-attriċi xehdet inizjalment, din ix-xhieda kienet ġiet sospiża fuq ordni tat-Tribuna kif preċedentement presjedut[17]. Dan seħħ għaliex kien hemm intopp fuq min kellha tkun il-konvenuta f'din il-kawża. L-attriċi ġiet mitluba iġġib dokumenti.

Illi sussegwentement, reġgħet xehdet in eżami l-istess attriċi[18]. Hawnhekk hija ppreżentat l-irċevuti u ċċekkijiet relattivi. Tgħid li parti sħiħa mill-Lava Stone waqgħet u eżebiet ritratti li juru dan. Tipprova tispjega li dan kien imwaħħal biss bi ftit silicone u għalhekk inqala. Tgħid ukoll li parti mill-unit kien kollu msaddad. Il-hinges ukoll inqalgħu. Tgħid li dan kollu seħħ f'inqas minn sena li hija xtrat dan il-unit. Tgħid li kienu ġew rappreżentanti tas-soċjetá konvenuta jaraw il-unit u offrew li jirrimpjazzaw il-partijiet li kienu waqgħu iżda hija oġġezzjonat u qaltilhom li ma riditx aktar il-prodott. Tgħid li ma ngħatatx irċevuta fiskali.

Illi ma sar l-ebda kontro-eżami lill-attriċi.

Illi Ignazio Gullo xehed inizjalment permezz t'affidavit[19]. Hawn jispjega li huwa r-rappreżentant legali tas-soċjetá konvenuta. Kien hu, flimkien ma ħaddiem ieħor u Dr. Mary Grace Vella li marru fuq il-post b'dan il-cabinet. Wara sena mar fuq il-post meta l-attriċi infurmatu bl-akkadut. Jgħid li dakinhar li dan kien ġie installat l-attriċi kienet ikkuntentat u ngħatat struzzjonijiet kif dan il-cabinet kellu jintuża. Jgħid lis-soċjeta' konvenuta qatt ma kellha problemi f'ħames snin. Jgħid li kollox kien imweħħel sew. Jgħid li l-attriċi qaltlu li hija qatt ma kienet kopriet il-unit u li dan il-cabinet kien fi stat t'abbandun. Riedet tbiddel il-unit ma xi ħaġa oħra iżda hu

[17] Xhieda tibda a fol 21 tal-proċess.
[18] Xhieda tibda a fol 27 tal-proċess.
[19] Dan jibda a fol 49 tal-proċess.

rrifjuta. Jgħid li impossibbli li l-islab tal-lava waqgħet waħedha. Skond hu dan kien biss tentattiv min-naħa tal-attriċi sabiex teħles mill-oġġett. Jgħid li vera kien hemm sadid iżda dan kien f'ammont żgħir.

Illi in kontro-eżami[20] jgħid li l-lava Stone għandha ċertu piż. Jgħid li s-silicone li għamlu huwa suffiċjenti biex din ma taqgħax. Huwa matematikament impossibbli li din taqa'. Iżomm għaliex hija inkastrata bejn l-art u l-wiċċ. Kien hu li għamel l-installazzjoni u kien hemm Dr. Vella bħala interpretu. Jgħid li l-biċċiet msadda ma jiġux immanifatturati minnhom. Kienu lesti jibdluhom. Impossibli li l-lava Stone waqgħet minħabba s-sadid. Jgħid li l-cabinet kellha titgħatta. Mistqosi direttament jispjega dak li hemm eżebit fir-ritratti jerġa' biss jirrepeti li s-soċjetá konvenuta qatt ma kellha problemi. Ma jaqbilx li dan kien mobbli li suppost kellu jintuża barra.

Illi f'dawn il-proċeduri xehdet ukoll Dr. Mary Grace Vella inizjalment permezz t'affidavit[21]. Hija l-avukat legali tas-soċjetá konvenuta u kienet ukoll tieħu ħsieb il-klijenti tal-istess soċjetá. Dwar dan il-każ tgħid li l-attriċi kienet kuntenta ħafna meta ordnat dan il-mobbli u ħallset kollox. Wara xi sena ġew infurmati li parti kienet waqgħet u kienet qaltilha li kienet sejra tibgħat lis-Sur Ignazio Gullo fuq il-post. Dakinhar marret miegħu u l-cabinet kien fi stat malandat. Kien ċar li dan kien tħalla skopert għall-elementi. Skond hi, l-attriċi qaltilha li ma riditx il-cabinet aktar u talbet rimbors totali. Tikkonferma li s-soċjetá konvenuta kienet lesta tbiddel il-partijiet imsaddin għaliex dawn kellhom ikunu ta' stainless steel. Tgħid ukoll li l-attriċi sempliciment ma riditx il-prodott aktar.

Illi in kontro-eżami[22], Dr. Vella tgħid li hija kienet tgħin u tikkollabora mas-soċjetá konvenuta. Ma kinitx impjegata. Kienet l-aktar tgħin bl-ordnijiet u bil-fatturi. Kienet hemm waqt l-installazzjoni. Hi m'hijiex esperta fuq l-aspetti tekniċi. Pero', ma

---

[20] Traduzzjoni magħmula minn Dr. Marco Ciliberti tibda a fol 93.
[21] Dan jinsab a fol 51 tal-proċess.
[22] Dan jibda a fol 69 tal-proċess.

tiftakarx jekk għenitx b'xi driller hija stess. Tikkonferma li dan huwa outdoor cabinet. Tikkonferma li l-attriċi ħallset l-amont ta' erba' telef, disa' mija u ħamsin Ewro (€4950). Dakinhar li marru fuq il-post (sena wara) tikkonferma li l-cabinet kienet maħmuġa. Tgħid li m'huwiex minnu li l-attriċi qaltilha ma riditux minħabba l-kwalita'. Tgħid biss li l-attriċi qaltilha li l-cabinet ma riditix aktar fit-terrazzin. Tgħid li minnu li l-islab waqgħet iżda ma tistax tgħid li dan kien minħabba xi difett.

Illi f'dawn il-proċeduri xehed ukoll Ignazio Daniele Alfonso Gullo inizjalment permezz t'affidavit. Jgħid li huwa d-direttur tekniku tas-soċjetá konvenuta. Kien involut fix-xogħol tal-cabinet mixtri mill-attriċi. Jgħid li kull cabinet hija magħmula skond kif jixtieq il-klijent. Kull cabinet hija qisha *jigsaw puzzle* fis-sens li kull parti żżomm marbuta parti oħra. Qatt ma kellhom problemi. Skond hu, impossibbli li parti taqa' waħedha jekk mhux b'xi sforz esteru. Hu jgħid li mir-ritratti li ra, dan il-cabinet kien tħalla skopert. Skond hu dan kien prodott prestiġjuż li l-attriċi issa ddeċidiet li ma tridx aktar.

Illi in kontro-eżami ix-xhud[23] jerġa' jgħid li huwa rappreżentant legali u li għamel d-disinni ta' din il-mobbli. Jaqbel perfettament li din kienet għamara li kienet magħmula sabiex toqgħod barra. Fil-fatt huma jagħmlu din it-tip t'għamara biss. Huwa minnu li l-ħadid ma kienx galvanizzat. Ma jistax jifhem kif waqa' il-ġenb tal-għamara, jibqa' jsostni li din bilfors saret b'xi s'forz estranju enormi. Il-piz tal-folja kienet ta' xi ħamsin kilo.

Illi magħmul dan ir-riassunt, dejjem fid-dawl tal-parti introduttorju fir-rigward tal-fatt li l-attriċi kienet bdiet dawn il-proċeduri mingħajr assistenza legali, it-Tribunal fehem li dak li tixtieq l-attriċi permezz ta' dawn il-proċeduri huma rimbors tal-pagament magħmul minnha minħabba l-fatt li l-għamara mibjugħ lilha ma kienx tal-kwalità mixtieqa.

[23] Traduzzjoni magħmula minn Dr. Marco Ciliberti tibda a fol 99.

Illi b'mod ġenerali jingħad li l-kunflitt ta' provi hija ġrajja normali f'proċessi ta' dawn it-tip. Meta jiġri hekk ġudikant għandu jkun prinċipalment gwidat b'żewġ prinċipji bażilari u ċioé l-utilizzar ta' forma ta' korroborazzjoni u fin-nuqqas taċ-ċertezza morali, iċ-ċaħda tat-talba[24]. Applikati dawn il-prinċipji għall-fatti ta' dan il-każ[25], il-konvinċiment tat-Tribunal ixaqleb ferm aktar lejn it-teżi tal-attriċi.

Illi issa huwa minnu li dan it-Tribunal ma jistax jitqies bħala espert in materja, iżda r-ritratti jitkellmu ċar. Hija verament inverosimili l-asserzjoni tas-soċjetá konvenuta li dan seħħ biss minħabba xi forza esterna (li fil-verità trid tkun waħda b'saħħitha ħafna) li jgħidu li kien hemm. Fil-verità tali verżjoni baqgħet mera allegazzjoni u frankament ma ġietx pruvata. Ġialadarba is-soċjetá konvenuta għażlet din it-tip t'argumentazzjoni kien jinkombi fuqha tipprova l-istess, anke per eżempju billi tispjega fid-dettal il-mekkaniżmu ta' din l-għamara. Huwa bil-wisq ovvju u ġie ampjament pruvat mill-attriċi li din l-għamara ma kinitx ta' kwalità u spiċċat fi stat diżastruż, anke għaliex ma ġietx imweħħla b'mod sod li tiflaħ dak il-piż kollu. Dak li huwa ovvju diffiċli jista' jiġi negat. Apparti minn hekk, hemm inkonsistenzi serji fix-xhieda li ħarġet fil-kontroeżami tar-rappreżentanti tas-soċjetá konvenuta, wieħed

---

[24] F'dan is-sens issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **<u>Maria Xuereb et vs Clement Gauci et,</u>** (App Ċiv Nru: 290/2001) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar il-24 ta' Marzu 2004, fejn intqal hekk: *"Huwa pacifiku f'materja ta' konflitt ta' versjonijiet illi l-Qorti kellha tkun gwidata minn zewg principji fl-evalwazzjoni talprovi quddiemha: 1. Li taghraf tislet minn dawn il-provi korroborazzjoni li tista' tikkonforta xi wahda miz-zewg verzjonijiet bhala li tkun aktar kredibbli u attendibbli minn ohra; u 2. Fin-nuqqas, li tigi applikata l-massima "actore non probante reus absolvitur"."*

[25] Issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **<u>Joseph Tonna vs Philip Azzopardi,</u>** (Appell Ċivili Nru: 503/2002/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar it-12 ta' April 2007, fejn intqal hekk: "*Il-valutazzjoni tal-provi hu fondat fuq il-prinċipju tal-konvinciment liberu tal-gudikant. Lilu hu moghti l-poter diskrezzjonali ta' l-apprezzament tar-rizultanzi probatorji u allura hu liberu li jibbaza l-konvinċiment tieghu minn dawk il-provi li hu jidhirlu li huma l-aktar attendibbli u idoneji ghall-formazzjoni tal-konvinciment tieghu. Naturalment dik id-diskrezzjoni tieghu hi soggetta ghal dak il-limitu legali impost fuqu mill-Artikolu 218 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili li jrid li fis-sentenza tinghata motivazzjoni ragonata li tikkonsenti l-kontroll tal-hsieb logiku segwit fuq appell interpost mis-sentenza. Motivazzjoni din, li jekk jinstab li tirrispondi mal-logika u r-razzjonalita`, kif ukoll koerenti ma' l-elementi utilizzati allura skond ġurisprudenza konkordi, ma tigix disturbata minn Qorti ta' revizjoni."*

jgħid li din l-għamara ma setgħetx toqgħod barra u l-ieħor jgħid li kienet apposta, tant li din hija l-unika tip t'għamara li għandhom!

Illi dan kollu jkompli jsaħħaħ il-fehma tat-Tribunal bil-fatt li din in-nuqqas ta' kwalità avverat ruħha fi ftit żmien wara x-xiri tal-mobbli in kwistjoni. Li kieku il-mobbli kienet magħmula daqstant tajjeb daqs kemm tipprova tikkonvinċi s-soċjetá konvenuta, allura ċertament kellha sservi l-iskop tagħha għal aktar minn ftit xhur.

Illi wkoll, jiġi mfakkar li l-attriċi lanqas biss ġiet kontro-eżaminata. Huwa anke għalhekk li dan it-Tribunal iqis il-verżjoni mogħti minnha bħala veritiera[26]. Frankament, ix-xhieda tas-soċjetá konvenut ukoll għenet sabiex twassal għaċ-ċertezza morali ta' dan it-Tribunal li din l-għamara kienet ta' kwalità baxxa.

Illi madanakollu, it-Tribunal ma jistax jakkorda l-ammont mitlub fl-Avviż, li huwa fil-verità aktar mill-ammont imħallas. Apparti minn hekk, irriżulta ċar li l-għamara in kwistjoni għada fil-pussess tal-attriċi u b'hekk semmai hija għandha tkun intitolata għal forma ta' riduzzjoni.

Illi għandu jkun indiskuss li dan it-Tribunal huwa munit b'fakultá differenti mill-Qrati ordinarji u ċioé l-obbligu li prinċipalment jaqta' t-talbiet quddiemu b'element t'ekwitá[27]. Issa, id-diskrezzjoni ekwitattiva m'għandhiex tintuża sabiex *jivvjola n-normi pożittivi tal-ġustizzja, sew proċedurali in kwantu għall-oneru tal-provi, sew*

---

[26] L-Awturi Richard Glover u Peter Murphy, fl-opra tagħhom **<u>Murphy on Evidence</u>** jgħidu hekk: "*Failure to Cross-examine a witness who has given relevant evidence for the other side is held techincally to amount to an acceptance of the witness's evidence in chief. It is, therefore, not open to a party to impugn in a closing speech, or otherwise, the unchallened ebidence of a witness called by his opFponenet, or even to seek to explain to the tribunal of fact the reason for the failure to cross-examine"* –XIII edizzjoni, a fol 632. Utli wkoll issir referenza għass-sentenza fl-ismijiet **<u>Michael Mangion et vs Il-Kontrollur tad-Dwana,</u>** (Rik Nru: 1338/10 MCH), deċiża mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) fit-18 ta' Lulju 2017.

[27] Artikolu 7 tal-Kapitolu 380 tal-Liġijiet ta' Malta.

*sostantivi*[28]. Min-naħa l-oħra mbgħad dan il-kejl jippermetti wkoll ċertu ammont t'elastiċita' f'dak li huwa ġudizzju[29].

Illi dwar dan l-aħħar punt, huwa minnu li l-valutazzjoni ekwitattiva m'hijiex tal-istess xorta ta' dik l-ekwitá kontemplata skond il-liġi speċjali li tirregola dan it-Tribunal, madankollu, it-Tribunal jrid jagħmilha ċara li dan il-kejl sejjer issa jiġi utilizzat biss ai fini tar-riduzzjoni.

Illi kollox ma' kollox, bl-operat tal-massima *arbitrio boni viri* u konxju li t-Tribunal jista' jagħmel dan *ex aequoe et bono*[30], it-Tribunal qiegħed iqis li ammont ta' €2,000 ikun ġust u ekwu fiċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ.

Illi finalment irid jingħad li huwa minnu li l-attriċi naqset milli tindika li qiegħda titlob l-ispejjeż u l-imgħax. Madanakollu dan m'huwiex xkiel għal dan it-Tribunal għas-segwenti raġunijiet. Għal dak li jikkonċerna t-talba għal-ispejjeż, din titqies bħala miktuba ai fini tal-artikolu 177 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta[31]. Dwar l-imgħax, għalkemm dan m'huwiex mitlub fl-Avviż, t-Tribunal sejjer xorta jikkundanna dan il-ħlas u ma jistax jingħad li b'hekk ikun qiegħed jaġixxi *extra petita*[32]. It-talba hija sejħa għal-ħlas. Però, peress li l-ammont inizjalment mitlub ġie

---

28 *Vide* s-sentenza fl-ismijiet **Martin Paul u Connie konjugi Vella vs Chris Micallef,** (Appell Ċivili Numru. 653/2008/) deċiża mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar is-6 ta' Ottubru 2010.

29 *Vide* s-sentenza fl-ismijiet **Assocjazzjoni GS1 Malta vs Andrews Feeds (Malta) Limited,** (Appell Ċivili Nru: 851/2007/1) deċiża mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fit-12 ta' Diċembru 2008.

30 *Vide* s-sentenza fl-ismijiet **Charles Attard vs Carmela Frendo,** (523/1983/1) deċiża mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar il-31 ta' Jannar 2003.

31 Dan jgħid hekk: *Il-klawsola "bl-ispejjeż" titqies dejjem bħala mdaħħla f'kull skrittura li fiha jistgħu jintalbu l-ispejjeż.*

32 F'dan is-sens issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Costantino Ablea vs George Azzopardi (App Ċiv Nru: 380/1987/1)** mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) nhar is-7 ta' Ottubru 2005, fejn propju aggravju fuq dan il-punt ġie miċħud.

issa ridimensjonat b'aktar min-nofs, huwa ġust li l-imgħax jibda jiddekorri mid-data ta' din is-sentenza.

Għaldaqstant, it-Tribunal filwaqt li qiegħed jiċħad l-eċċezzjonijiet tas-soċjetá konvenuta, jilqá limitatament t-Talba tal-attriċi u jikkundanna lis-soċjetá konvenuta tħallas l-ammont elfejn Ewro (€2,000) lill-attriċi, bl-imgħax legali mid-data tas-sentenza sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri jitħallsu fl-intier tagħhom mis-soċjetá konvenuta[33].

**Dr. Joseph Gatt LL.D.**
Ġudikatur

[33] Għalkemm l-ammont mitlub ma ngħatax fit-totalitá tiegħu, is-soċjetá konvenuta hija xorta waħda l-parti telliefa f'dawn il-proċeduri.